# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.

**Kawża Nru. 14**

**Rik. Nru. 453/11JRM**

**DIRETTUR ĠENERALI GĦAD-DIPARTIMENT GĦAR-REGOLAZZJONI TAL-BIEDJA U S-SAJD**

vs

**FISH AND FISH LIMITED (C – 14268)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Mejju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, id-Direttur-Ġenerali għad-Dipartiment għar-Regolazzjoni tal-Biedja u s-Sajd talab li din il-Qorti: (i) ssib li l-imġiba tal-kumpannija mħarrka safejn ma qagħditx ma' Ordni tiegħu mibgħut lilha b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Novembru, 2010, li bih ordnalha li tħarrab kwantità ta' rjus ta' tonn ħaj jew toqtol l-ekwivalenti tiegħu fil-piż, hija waħda llegali u abbużiva għall-għanijiet tal-ftehim milħuq bejn il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea fis-27 ta' Mejju, 2010; (ii) tordna lill-istess kumpannija mħarrka tħarrab mija u erbgħa u erbgħin (144) ħuta (tonn tax-xewka kaħla) maqbuda llegalment matul l-2009; (iii) tistabilixxi penali fid-dawl tal-illegalitajiet li joħorġu mill-imġiba tal-istess kumpannija mħarrka; (iv) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu l-penali

hekk likwidata; u (v) tagħti kull rimedju ieħor jew direttiva oħra li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-digrieti tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Mejju, 2011[1], li bihom qiegħdet il-kawża għas-smigħ u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Ġunju, 2011[2], li bih laqgħet talba magħmula mid-Direttur-Ġenerali attur tas-17 ta' Ġunju, 2011, biex din il-kawża tinstema' flimkien ma' kawża fl-ismijiet maqluba

Rat it-Tweġiba maħlufa mressqa fil-5 ta' Lulju, 2011, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qajmet l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* fir-rigward ta' kawża li hija kienet fetħet kontra l-istess Direttur-Ġenerali attur[3]. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi huma nulli u għalhekk mingħajr ebda effett għaliex l-imġiba tagħha ma kinitx bi ksur tal-liġi u din il-Qorti jmissha tiċħadhom bl-ispejjeż kontra d-Direttur attur. Issoktat tgħid li kemm l-ittra uffiċjali li dwarha ressaq il-kawża d-Direttur attur u kif ukoll il-ftehim li jsemmi ma jiswewx għaliex dik l-ittra nħarġet *ultra vires* is-setgħat tiegħu fil-liġi, u ma tiswiex għaliex tikser il-jeddijiet kweżiti u l-jeddijiet fundamentali tagħha, m'hijiex raġonevoli jew proporzjonata u b'hekk ma tistax issejjes b'mod leġittimu l-azzjoni attriċi. Tiċħad li hija b'xi mod kisret xi regolament fis-seħħ kemm f'dak li jirrigwarda t-trobbija u kif ukoll l-esportazzjoni tat-tonn mertu tal-każ, kif ukoll tiċħad li għandha taħt idejha xi ħut miżmum jew maqbud b'mod illegali. Filwaqt li saħqet li l-kontroll tas-sajd isir fuq il-bażi tal-piż u mhux fuq l-għadd ta' ħut maqbud, twarrab it-tielet u r-raba' talbiet attriċi b'mod partikolari għaliex tgħid li d-Direttur attur qiegħed jistieden lil din il-Qorti tagħtih rimedju li l-liġi ma tagħtix u li tieħu deċiżjonijiet li fis-sewwa kellu joħodhom l-attur innifsu;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2011, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-11 ta' April, 2012[4];

---

[1] Paġġ. 15 – 6 tal-proċess
[2] Paġ. 22 tal-proċess
[3] Riferenza għal Rik. Nru. 416/11JRM (li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum)
[4] Paġġ. 51 sa 59 tal-proċess

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tal-15 ta' Jannar, 2013[5], li biha qal li kien qiegħed jirrinunzja li jressaq Nota bis-Sottomissjonijiet bi tweġiba għal dik tal-attur u li kien joqgħod fuq in-Nota ta' Sottomissjonijiet li l-patroċinata tiegħu kienet ressqet fil-kawża fl-ismijiet maqluba;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża Rik. Nru. 417/11JRM u d-digrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' ordni eżekuttiv u l-impożizzjoni ta' penali u l-għoti ta' direttivi jew rimedji oħrajn minħabba tali ksur. Id-Direttur-Ġenerali atturi jgħid li, wara li bagħat Ordni lill-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "F&F") fit-23 ta' Novembru, 2010[6], (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Ordni") biex tħarrab 123 tonna ta' piż ta' 9248 kilogramm, dik il-kumpannija naqset li tagħmel dan fiż-żmien lilha mogħti u għalhekk qiegħed jitlob li din il-Qorti ssib li dak in-nuqqas huwa bi ksur tal-Ordni u tal-liġi, u biex timponi fuq F&F il-ħlas lilu ta' penali minħabba f'hekk u l-għoti ta' rimedji u direttivi oħra li jistgħu jkunu meħtieġa;

Illi għal din l-azzjoni, F&F laqgħet billi, b'mod preliminari, qajmet l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* fir-rigward ta' kawża li hija kienet fetħet kontra l-istess Direttur-Ġenerali attur. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi huma nulli u għalhekk mingħajr ebda effett għaliex l-imġiba tagħha ma kinitx bi ksur tal-liġi u din il-Qorti jmissha tiċħadhom bl-ispejjeż kontra d-Direttur attur. Issoktat tgħid li kemm l-ittra uffiċjali li dwarha ressaq il-kawża d-Direttur attur u kif ukoll il-ftehim li jsemmi ma jiswewx għaliex dik l-ittra nħarġet *ultra vires* is-setgħat tiegħu fil-liġi, u ma tiswiex għaliex tikser il-jeddijiet kweżiti u l-jeddijiet fundamentali tagħha, m'hijiex raġonevoli jew proporzjonata u b'hekk ma tistax issejjes b'mod leġittimu l-azzjoni attriċi. Tiċħad li hija b'xi mod kisret xi regolament fis-seħħ kemm f'dak li jirrigwarda t-trobbija u kif ukoll l-esportazzjoni tat-tonn mertu tal-każ, kif ukoll tiċħad li għandha taħt idejha xi ħut miżmum jew maqbud b'mod illegali. Filwaqt li saħqet li l-kontroll tas-sajd isir fuq il-bażi tal-piż u mhux fuq l-għadd ta' ħut maqbud, twarrab it-tielet u r-raba' talbiet attriċi b'mod partikolari għaliex tgħid li d-Direttur attur qiegħed jistieden lil din il-Qorti tagħtih rimedju li l-liġi ma tagħtix u li tieħu deċiżjonijiet li fis-sewwa kellu joħodhom l-attur innifsu;

[5] Paġ. 69 tal-proċess
[6] Dok "A". f'paġġ. 7 – 9 tal-proċess

Illi, kif ingħad qabel, din il-kawża nġabet quddiem din il-Qorti għaliex il-mertu tagħha huwa marbut ma' dak ta' kawża li F&F fetħet kontra d-Direttur attur f'din il-kawża. Iż-żewġ kawżi – din tal-lum u l-oħra fl-ismijiet maqluba – jirrigwardaw l-Ordni maħruġ;

Illi għalhekk, billi l-fatti huma msemmija fil-kawża l-oħra, il-Qorti ma għandhiex għalfejn terġa' ttennihom hawnhekk ukoll;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, il-Qorti tibda biex tgħid li f'din il-kawża kollox iħoll u jorbot mal-Ordni u s-siwi tiegħu. Kemm il-premessi li jsawru l-att promotur u kif ukoll it-talbiet li joħorġu minnhom jimplikaw li l-Ordni kien wieħed siewi u eżegwibbli. Fis-sewwa, id-Direttur attur jgħid li l-Ordni jinbena fuq is-siwi ta' ftehim bilaterali milħuq bejn l-Unjoni Ewropea min-naħa u l-gvern tal-Ġappun min-naħa l-oħra f'Mejju tal-2010, u l-ġrajjiet li seħħew qabel ma kien iffirmat;

Illi qabel xejn, il-Qorti se tindirizza l-**eċċezzjoni preliminari** ta' MFF li titkellem fuq l-eżistenza ta' kawża oħra dwar l-istess mertu;

Illi l-Qorti jidhrilha li bil-fatt li l-Qorti li quddiemha kienet tressqet din il-kawża (diversament presjeduta) bagħtet l-atti ta' din il-kawża quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta biex din il-kawża u l-oħra jinstemgħu flimkien, solviet l-imsemmija eċċezzjoni u din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni biex tkompli tqisha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tat-talbiet attriċi** u l-**eċċezzjonijiet fil-mertu għal dawk it-talbiet**, il-Qorti tgħid li hija fissret il-fehmiet tagħha dwar l-Ordni u r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem mill-partijiet u sabet li dak l-Ordni ma jiswiex u huwa mingħajr effett. Hawnhekk ukoll, ladarba din il-kawża kienet miexja ma' dik li F&F nediet kontra d-Direttur-Ġenerali attur, qiegħda ssir biss riferenza għall-kunsiderazzjonijiet u r-raġunament li din il-Qorti wettqet biex waslet għal dik il-fehma. Iżżid tgħid biss li l-fatt li d-Direttur-Ġenerali jisħaq li l-Ordni ħareġ għaliex hekk kien jgħid il-ftehim bilaterali ma jnaqqas xejn mill-kunsiderazzjonijiet li dak l-Ordni ma jiswiex. Il-Qorti fliet sewwa s-sottomissjonijiet imressqin mid-Direttur-Ġenerali attur u ngħatat il-fehma li, kieku ma kienx għal dak li ssemma fil-ftehim bilaterali, l-Ordni ma kienx jinħareġ. Kemm hu hekk, fl-imsemmija sottomissjonijiet, l-attur jgħid hekk: "*l-esponenti u konsegwentement l-Awtoritajiet Maltin ma għandhomx għażla ħlief li jirrispettaw il-Ftehim imsemmi għall-ġid komuni u li jimxu skond id-direttivi u l-ordnijiet li jirċievu*"[7]. Dan isaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li l-Ordni la kien il-frott ta' diskrezzjoni

[7] Paġ, 59 tal-proċess

amministrattiva tal-attur u wisq anqas iħares l-element tal-proporzjonalità li tnisslet bl-aspettattiva leġittima ta' F&F;

Illi, fuq kollox, il-ġustifikazzjoni tal-attur li l-Ordni kien ukoll ta' fejda biex jitrażżan l-abbuż tas-sajd illegali jew in-nuqqas ta' tħaris min-naħa ta' MFF tar-regolamenti dwar it-trobbija u l-esportazzjoni tat-tonn ma jibdlux il-fatt li l-Ordni ma kienx jiswa. Il-Qorti tagħraf li s-setgħat li l-liġi tagħti lid-Direttur-Ġenerali attur huma wesgħin biżżejjed biex il-biżgħat, il-kontroll u l-eżekuzzjoni kontra l-imsemmi abbuż jistgħu jitwettqu kif stabbilit fil-liġi (kemm fl-Att, kif ukoll fir-Regolamenti) u ma huma bl-ebda mod milquta jew imfixkla bil-fatt li l-Ordni partikolari qiegħed jinsab li huwa bla effett;

Illi dan iwassal lill-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi m'hijiex mistħoqqa għaliex l-imġiba ta' F&F għall-Ordni maħruġ ma kinitx bi ksur tal-liġi għaliex l-Ordni nnifsu ma kienx jiswa;

Illi ladarba t-talbiet attriċi l-oħrajn jinbnew fuq is-siwi tal-ewwel talba, jiġi li lanqas dawk it-talbiet ma huma mistħoqqa. Il-Qorti ma tħossx li għandha tindirizza dik il-parti tat-tweġiba maħlufa ta' F&F li titkellem dwar jekk id-Direttur-Ġenerali attur messux ressaq dawk it-talbiet kif għoġbu jressaqhom, u dan biex bl-ebda mod ma tippreġudika s-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi u l-mod kif jista' jwettaqhom sewwa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma jirriżultax li l-imġiba tal-kumpannija mħarrka wara l-ħruġ tal-Ordni kienet illegali jew abbużiva;

**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** għaliex huma kollha konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li d-Direttur-Ġenerali attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph R. Micallef L.D.,** | **Geraldine Rickard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

**26 ta' Marzu, 2024**